# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
# CITTÀ FERDINAND

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## SEDUTA NRU 214 – Il-Ħamis, 3 ta' Diċembru, 2009

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu, 20, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fil-5:30pm

Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci ippresieda.

## PREŻENTI

Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera Rita Psaila
Il-Kunsillier Joseph Sammut
Il-Kunsillier Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo

Uffiċċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Nicholas Baldacchino

## TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 213 jkunu approvati bħala dokument korrett.

Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo issekonda.

Il-Kunsill unanimament qabel li japprova dan id-dokument bħala wieħed korrett.

# 2. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

## 2.1 *Ground* tal-*Football*

Is-Sindku qal li hu kien kiteb lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, is-sur Natalino Attard, fejn talbu jekk il-Kunsill jistax jagħti għotja ta' €44,000 lil Club tal-Football biex jintużaw għad-dawl tal-grawnd. It-tweġiba kienet waħda kategorika li l-Kunsill bl-ebda mod ma jista' jagħti donazzjoni ta' dan it-tip.

Madankollu d-Direttur issuġġerixxa li qabel il-Kunsill jieħu xi forma ta' azzjoni, għandu jistenna sakemm tiġi fis-seħħ klawsola ġdida fil-liġi riveduta tal-Kunsilli Lokali.

## 2.2 Il-Festa ta' San Nikola

Inqaraw il-minuti tal-laqgħa informali li saret mill-Kunsill dwar din il-materja.

Saret diskussjoni estensiva dwar fejn u kif għandhom jitpoġġew il-gabbani u waqt li ntlaħaq consensus li fi Pjazza Vittmi tal-Gwerra għandhom jitħallew biss il-gabbani tal-ġugarelli, komplew jiġu esplorati diversi possibiltajiet fejn għandhom jitpoġġew il-gabbani tal-ikel.

Sa seduta oħra l-Viċi-Sindku għandu jħejji mozzjoni dwar din il-materja.

## 2.3 Kollezzjoni tal-iskart imħallat u ħruġ ta' tender għal provvista ta' boroż griżi

Is-Segretarju qal li l-laqgħa mal-ħwienet kif previst, kif ukoll impjegati tal-GreenMT daru l-ħwienet kollha tas-Siġġiewi biex jinfurmawhom dwar l-arranġamenti l-ġodda. Dan ifisser li mill-1 ta' Jannar is-sistema l-ġdida mistennija li tibda kif ippjanat.

## 2.5 Triq it-Tank

Is-Sindku qal li kellu konferma mill-Perit Attard Montalto tal-ADT li dawn se jesegwixxu x-xogħlijiet a spejjeż tal-ADT. Il-perit inkarigat se jkun Daniel Cordina u s-Segretarju għandu jsegwi l-każ.

# 3. FINANZI

## 3.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti, barra dawk relatati mal-Kumitat Konġunt, jiġu approvati kif inhuma.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

Is-Sindku ressaq għall-vot il-ħlasijiet relatati mal-Kumitat Konġunt. L-eżitu kien:
Voti Favur: 6
Voti Kontra: 0
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina astjena.

## 3.2 Rapport Finanzjarju April – Settembru 2009

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien iċċirkola l-*accounts* tal-Kunsill ta' dan il-perjodu. Huwa qal li billi seħħ bdil fil-liġi tal-Kunsilli Lokali, is-sena finananzjara issa se tibda tkun bejn Jannar u Diċembru, u għalhekk l-*accounts* ippreżentanti jistgħu jiġu diskussi fil-qafas tal-*accounts* kompluti bejn Jannar u Diċembru, 2009.

# 4. KORRISPONDENZA

## 4.1 Ittra mis-Segretarju tas-Siggiewi Brass Band

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni ittra miktuba mis-Segretarju tas-Siggiewi Brass Banda, is-sur Eusebio Buhagiar (annessa).

# 5. KUNTRATTI

## 5.1 Aġudikazzjoni Kuntratt Street Sweeping & Cleaning LCS 28/09

Is-Sindku qal li wara l-korrispondenza li ntbagħtet lill-offerenti, għandna nikkunsidraw in-numru ta' ħaddiema li t-tlett offerenti qed jgħidu li se jallokkaw kif ukoll in-numru ta' siegħat ta' kull ħaddiem fil-ġimgħa. Wara li saru l-kalkoli, is-Sindku qal li jidher li l-aktar offerta vantaġġjuża hija dik tas-sur Raymond Attard.

Huwa kompla jgħid li kull min jingħata l-kuntratt irid jimxi mal-obbligi tal-istess kuntratt, u f'dan il-każ irid jesiġi dak li l-kuntrattur niżżel fl-offerta tiegħu jiġi esxegwit, inkella jingħata d-*defaults* skont il-prassi.

Il-Viċi-Sindku qal li mal-għoti tal-kuntratt, irridu niktbu lill-kuntrattur u ngħidulu li biex ibiddel ħaddiem u qabel jagħmel dan, irid jinforma bil-miktub lill-Kunsill.

Għalhekk is-Sindku ippropona li l-Kunsill għandu jaċċetta l-offerta tas-sur Raymond Attard.
Il-Viċi-Sindku issekonda l-proposta.

Meta l-Kunsill għadda għal vot, l-eżitu kien hekk:

| | |
|---|---|
| Voti Favur: | 4 (Robert Musumeci, Karol Aquilina, Joseph Sammut, Mark A. Vassallo) |
| Voti Kontra: | 0 |
| Astensjonijiet: | 3 (Nikol Cassar, Rita Psaila, Jesmond Tanti). |

### 5.2 Supply of concrete LCS 48/09

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien hemm 4 offerenti.
Is-Sindku qal li jidher li l-aktar waħda vantaġġjuża hija dik ta' Polidano Bros u ippropona li għandna naċċettaw din l-offerta.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 5.3 Supervisor of Works LCS 49/09

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien hemm offerta waħda dik tas-sur Joe Gatt.
Is-Sindku ippropona li għandna nilqgħu din l-offerta.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 6 ĦWEJJEĠ OĦRAJN

### 6.1 Party għat-tfal

Il-Kunsilliera Rita Psaila ipproponiet li waħda mill-ġranet ta' Diċembru isir party għat-tfal tal-lokalità u li din ikun self-financed.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 6.2 Awditjar tas-sinjali tat-traffiku

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li waqt seminar organizzat mit-Traffic Management Unit tal-ADT fejn kull kunsill ingħata l-lista tar-*reserved parking* approvati. Il-Kunsilli ingħataw direzzjoni biex dawk ir-*reserved parkings* li mhumiex approvati jew għandhom jitneħħew jew issir talba biex dawn jiġu regolarizzati.

Is-Sindku ippropona li għandna nagħmlu awditjar tas-sinjali kollha tat-traffiku li għandna fit-toroq kollha tal-lokalità u dan għandu jsir mill-Contracts Manager u jingħata kumpens għal dan ix-xogħol.

Il-Kunsillier Joseph Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara din is-seduta bħala magħluqa fis-7:30pm u ippropona li s-Seduta li jmiss titlaqqa' **il-Ħamis, 7 ta' Jannar, 2010** fil-5:30pm**.** Il-Kunsilliera aċċettaw b'mod unanimu.

Il-Perit Robert Musumeci
Sindku

Nikol Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv

Konfermati llum il-Ħamis, 7 ta' Jannar, 2010